


Il-Papa jistieden lill-bnedmin ta' rieda tajba sabiex ningħaqdu flimkien u nitolbu għal dawk imwarrba fil-ġenb tas-soċjetà, f'kundizzjonijiet diżumani, biex l-istituzzjonijiet jagħtu kashom u qatt ma jqisuhom ta' inqas importanza minn oħrajn.

**Qari**: *Omelija minn Papa Franġisku fil-Jum Dinji tal-Foqra nhar l-14 ta' Novembru 2021*.

Ninsabu fi żmien immarkat minn tiġrib, vjolenzi, tbatijiet u inġustizzji, fl-istennija ta' ħelsien li donnu mhu se jasal qatt. Fuq kollox, il-miġruħa, il-magħkusa u xi kultant l-imgħaffġa huma l-foqra, il-ħoloq l-aktar dgħajfa tal-katina. Il-Jum Dinji tal-Foqra, li qed niċċelebraw, jitlobna ma ndawrux wiċċna band'oħra, ma nibżgħux inħarsu mill-qrib f'wiċċ it-tbatija tal-iktar dgħajfa, li għalihom il-Vanġelu tal-lum hu attwali ħafna: ix-xemx ta' ħajjithom spiss hi mdallma mis-solitudni, il-qamar tat-tamiet tagħhom hu mitfi, il-kwiekeb tal-ħolm tagħhom waqgħu fir-rassenjazzjoni u l-istess ħajja tagħhom hi mqallba ta' taħt fuq. Dan kollu minħabba l-faqar li spiss ikollhom iġarrbu, vittmi tal-inġustizzja u tan-nuqqas ta' ugwaljanza f'soċjetà tal-iskart, li għaddejja mgħaġġla mingħajr ma tarahom u li titlaqhom bla ebda skruplu għad-destin tagħhom.

Mulej, iktar ma jgħaddi ż-żmien,
iktar qed ngħixu f'dinja fejn hawn inġustizzji kbar,
fejn id-drittijiet ta' miljuni ta' persuni huma mkasbra.
Ħloqna dinja fejn kważi kulħadd jaħseb fih innifsu,
u donnu li aktar qed jiżdiedu l-foqra u l-imwarrbin.
Donnu qed noħolqu klassijiet ġodda ta' faqar,
fosthom anzjani li jgħixu fi djar tal-anzjani u ma jmur jarahom ħadd,
anzjani li jgħixu fis-soċjetà, imma maqtugħin għalihom weħidhom,
nies bil-ġuħ u bla għaxja ta' lejla,
li jkollhom imorru s-*soup kitchen* il-Belt
biex isibu xi ħaġa x'jieklu,
refjuġjati mwarrba fil-ġenb tas-soċjetà.

Hemm ħaddiema li huma mħallsa paga miżera,
u għalhekk ikollhom jgħixu f'kundizzjonijiet diżumani,
persuni li m'għandhomx fejn joqogħdu
u jkollhom ifittxu kenn fid-*drop-in centre* tal-Hamrun.
U kollox jibqa' għaddej, qisu xejn mhu xejn,
Qisu dawn in-nies huma inviżibbli fis-soċjetà.
Mulej, il-Papa Franġisku qal: *"Li tinjora lill-fqir ifisser tistmerr lil Alla*!"
Mulej, allura aħna wkoll ħatja li qed nistmerruk?
...għax m'aħna nagħmlu xejn jew ftit wisq biex intaffu
t-toqol tal-imwarrbin u tal-vittmi tal-inġustizzja?
Wisq nibża', Mulej, li lilna ser iċċanfarna,
ser tgħidilna li mhux qed nagħmlu biżżejjed, u ser tgħidilna:
"*Kont bil-ġuħ u ma tmajtnix, kont bil-għatx u ma sqejtnix,*
*kont għeri u ma libbistnix*."
U x'se tkun it-tweġiba tagħna?
Se ngħidulek li lilek aħna qatt ma rajniek bil-ġuħ,
jew bil-għatx jew għeri?
Kemm hi faċli, Mulej, li naħarbu mir-responsabbiltà tagħna
u ngħidu li t-tort tal-inġustizzja fis-soċjetà tagħna
hu tort biss ta' dawk li jamministraw il-ġustizzja!
Kemm hu faċli biex infarfru
r-responsabbiltà tagħna u nwaħħlu fl-oħrajn
għax ma jaħdmux biżżejjed b'integrità u onestà!
Iżda, Mulej, irridu nammettu li
r-risponsabbiltà hi ta' kull wieħed u waħda minna,
jew għax bqajna siekta quddiem l-inġustizzja
jew għax b'xi mod, anke l-iktar żgħir,
tajna l-kontribuzzjoni tagħna biex tinħoloq l-inġustizzja.
Għinna, Mulej, sabiex inkunu attenti biex ma nkunux aħna
li noħolqu xi forma ta' esklużjoni, u biex ma nħallux il-biżgħat tagħna
joħolqu firdiet u mibegħda bejnietna.
Agħtina l-kuraġġ li nħallu l-onestà u l-imħabba
jmexxu l-azzjonijiet tagħna biex b'hekk
ma nkunux ħatja li stmerrejniek.

**KANT**

**Qari:** *Omelija minn Papa Franġisku fil-Jum Dinji tal-Foqra nhar l-14 ta’ Novembru 2021*

U hawn nistaqsu: x’inhu mitlub minna l-Insara quddiem din ir-realtà? Hu mitlub minna li nżommu ħajja t-tama ta’ għada billi nfejqu t-tbatija tal-lum. Dawn huma marbuta ma’ xulxin: jekk int ma tfittixx li tfejjaq it-tbatijiet tal-lum, diffiċli li jkollok it-tama ta’ għada. It-tama li titwieled mill-Vanġelu, fil-fatt, ma tikkonsistix f’li noqogħdu nistennew passivament li għada l-affarijiet ikunu aħjar, għax dan mhux possibbli, imma tfisser li nagħmlu konkreta llum il-wegħda ta’ salvazzjoni ta’ Alla. Illum, ta’ kuljum.
..... Ersaq qrib tal-foqra u iżra’ t-tama. It-tama ta’ dik il-persuna, it-tama tiegħek u t-tama tal-Knisja. Dan li hu mitlub minna: li nkunu qalb it-tifrik ta’ kuljum tad-dinja, bennejja bla heda tat-tama; li nkunu dawl meta x-xemx tiddallam; li nkunu xhieda ta’ ħniena meta madwarna ssaltan id-distrazzjoni; li nkunu nies li nħobbu u aħna attenti qalb tant indifferenza mifruxa. Xhieda tal-ħniena. Qatt ma nistgħu nagħmlu l-ġid mingħajr ma ngħaddu għall-ħniena. L-iktar l-iktar, inkunu qed nagħmlu affarijiet tajbin, imma li ma jmissux it-triq Nisranija għax ma jmissux il-qalb. Dak li jmiss il-qalb hija l-ħniena: nersqu qrib, inħennu u nagħmlu ġesti ta’ ħlewwa. Dan hu sewwasew l-istil ta’ Alla: qrubija, ħniena u ħlewwa. Dan hu mitlub minna llum.

Mulej, kemm hi faċli li nintilfu ngħixu ħajjitna,
li naqgħu fit-tentazzjoni li nagħtu kas biss tal-problemi tagħna.
Mulej, imliena bid-dehen u l-kuraġġ biex inwettqu
dak li l-Papa qed iħeġġiġna biex nagħmlu, jiġifieri li nkunu
*qalb it-tifrik ta’ kuljum tad-dinja, bennejja bla heda tat-tama;*
*li nkunu dawl meta x-xemx tiddallam;*
*li nkunu xhieda ta’ ħniena*
*meta madwarna ssaltan id-distrazzjoni;*
*li nkunu nies li nħobbu*
*u attenti qalb tant indifferenza mifruxa.*
Fuq kollox, li nkunu *xhieda tal-ħniena.*

Agħtina, Mulej, l-għajnuna ħalli nrattbu qlubna
quddiem it-traġedji tad-dinja, biex nagħtu kas tat-tbatijiet madwarna.
Għinna biex ma nsibuhiex diffiċli
li niskomodaw ruħna u nagħtu daqqa t'id,
biex nagħmlu dak il-pass żejjed li nersqu
lejn il-batut, il-fqir, l-imwarrab,
u lejn min qed iħossu waħdu.
Nitolbuk, Mulej, sabiex tiftħilna moħħna u qalbna
ħalli nkunu dejjem nies ta' rieda tajba
li nnisslu ferħ u tama fl-oħrajn.
Agħtina d-dehen u mliena bil-ħeġġa
biex nersqu qrib, inħennu u nagħmlu ġesti ta' ħlewwa
lejn dawk li jkollhom bżonn xi tip ta' għajnuna.
Fuq kollox, Mulej, għinna ħallu nkunu sensittivi biżżejjed
biex nindunaw li hemm ħuna jew oħtna fil-bżonn,
ħalli nkunu pronti ngħinu lil min iħossu waħdu,
ħalli nindunaw li int qiegħed hemm
fil-batut, fil-fqir, f'min qiegħed waħdu,
f'min iħossu mwarrab, f'min hu marid.
Imla bid-dehen, nitolbuk, Mulej, lill-gvernijiet,
lill-istituzzjonijiet u dawk li għandhom xi tip ta' poter,
sabiex jagħtu valur lil kull persuna
u jinkoraġġixu lis-soċjetà biex tgħin lil dawn in-nies
ħalli jkunu jistgħu jħossuhom parti integrali mis-soċjetà.
Fuq kollox, Mulej, imliena bil-ħeġġa,
sabiex bħala soċjetà nirrifjutaw
kull għamla ta' korruzzjoni li tbiegħed ir-riżorsi mill-foqra.
Mulej, agħti d-dehen lil min għandu l-poter
u lil min iħaddem il-ġustizzja,
biex jaħdem b'integrità sħiħa,
biex jipproteġi d-drittijiet ta' min hu vulnerabbli.
*Mulej, għallimna ma nħobbux biss lilna nfusna,*
*ma nħobbux biss lil ħbiebna,*
*ma nħobbux biss lil min hu faċli tħobbu.*

*Għallimna naħsbu fl-oħrajn*
*u nħobbu l-ewwel lil dawk li ma jħobbhom ħadd.*
*Tina l-grazzja nifhmu, li f'kull ħin,*
*filwaqt li aħna qed ngħixu ħajja wisq hienja, hemm miljuni ta' bnednin*
*li huma ħutna, li qed imutu bil-ġuħ,*
*mingħajr ma jistħoqqilhom imutu bil-ġuħ.*
*Qed imutu bil-bard, mingħajr ma jistħoqqilhom imutu bil-bard.*
*Mulej, ikollok ħniena mill-fqar tad-dinja u tħallix li nkunu hienja waħidna.*

(Raaoul Follereau)

**KANT**

**Nitolbu flimkien**

Mulej, nitolbu skont il-fehma tal-Papa għal dawk imwarrba fil-ġenb tas-soċjetà, f'kundizzjonijiet diżumani, biex l-istituzzjonijiet jagħtu kashom u qatt ma jqisuhom ta' inqas importanza minn oħrajn.

Nitolbu... Ismagħna nitolbuk Mulej.

Mulej, agħtina l-għerf biex nagħrfu nħarsu lejn il-persuna, qabel ma nittimbraw lin-nies minħabba l-passat jew l-oriġini tagħhom. Għinna nagħrfu t-tbatija u s-sagrifiċċji li jagħmlu dawn in-nies biex joffru s-servizz tagħhom lis-soċjetà.

Nitolbu... Ismagħna nitolbuk Mulej.

Nitolbuk, Mulej, biex tagħtina l-kuraġġ li mmorru u nilħqu lin-nies li jinsabu mwarrba mis-soċjetà. Għinna ħalli nkunu ta' tama għalihom.

Nitolbu... Ismagħna nitolbuk Mulej.

Mulej, il-Papa qalilna *"ieqaf u iżra' t-tama qalb il-faqar".* Nitolbuk, Mulej, sabiex tiftħilna moħħna u qalbna sabiex nuru solidarjetà ma' min ikollu bżonn u biex inkunu dejjem nies ta' rieda tajba li nnisslu ferħ u tama fl-oħrajn.

Nitolbu... Ismagħna nitolbuk Mulej.

Mulej, imliena bl-Ispirtu tiegħek ħalli nkunu *persuni li jaġixxu: jaqsmu l-ħobż mal-imġewħin, iħabirku għall-ġustizzja, jerfgħu lill-foqra u jroddulhom id-dinjità tagħhom, kif għamel is-Sammaritan* fil-parabbola li rrakkonta ibnek Ġesù.

Nitolbu... Ismagħna nitolbuk Mulej.